# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA
## LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Rikors numru: 284/2012/1 BS**

**Frans Azzopardi**

**-vs-**

**Awtorità tal-Ippjanar**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat r-rikors ta' Frans Azzopardi**[1] li permezz tiegħu espona bir-rispett:

ILLI huwa ġie notifikat b'ittra uffiċjali tat-28 ta' Mejju, 2012 (Ittra Numru 284/2012) spedita ai termini ta' l-artikoli [*sic*] 90 (5) u (6) tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn l-Awtorità intimata rreklamat minn għandu s-somma ta' €1,205.99 rappreżentanti

[1] A fol 1 sa 5.

allegat ħlas dovut lilha għal *direct action* fl-avviż ta' twettiq numru 746/05 f'sit Triq it-Tiġrija, [ix-]Xagħra, Għawdex;

ILLI l-esponenti ma jaqbilx mal-kont spedit stante illi l-istess kont ma huwiex wieħed rejalistiku u huwa għoli immens. L-azzjoni tal-intimata damet biss kwistjoni ta' ftit ħin u l-affarijiet tneħħew mill-esponenti nniffsu [*sic*];

ILLI di piu l-esponenti magħarraf [*sic*] illi fl-istess ġurnata l-intimata għamlet esekuzzjonijiet fi bnadi oħra f'Għawdex u għalhekk il-makkinarju mikri, il-pulizija mikrija u l-ispejjeż l-oħra nkorsi ma servewx biss għall-esponenti iżda servew għal xogħol ieħor;

ILLI inoltre ċerta spejjeż oħra huma eċċessivi jew ma humiex ġustifikati;

ILLI għaldaqstant l-esponenti jixtieq jikkontesta din l-ittra uffiċjali ai termini ta' l-artikolu [*sic*] 90(7) tal-Kap. 504.

**Talab għalhekk lil din il-Qorti sabiex**:

1. Tiddikjara illi l-kontijiet spediti u l-ammont mitlub huma għoljin u ma humiex dovuti fl-interita tagħhom;

2. Tordna lill-intimata sabiex tirrevedi l-kontijiet tagħha;

3. Tagħti kull ordni oħra li jid[h]rilha opportuni fiċ-ċirkostanzi.

**Rat ir-risposta tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**[2] li permezz tagħha eċċepiet:

[2] A fol 7.

ILLI r-rikors ta' Frans Azzopardi tal-21 ta' Ġunju, 2012 ma jistħoqqlux li jiġi akkolt u dan għas-segwenti raġunijiet;

ILLI l-Awtorità tirrileva li l-ammont dovut lilha mhuwiex wieħed eċċessiv, anzi għall-kuntrarju jirrifletti preċiżament l-ammont li ħallset l-Awtorità u l-ispejjeż li inkorriet hi sabiex tneħħi l-illegalità li fl-ewwel lok suppost tneħħiet mir-rikorrent stess, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri. Mhux hekk biss iżda l-prezz imħallas mill-Awtorità għas-servizz lilha provdut kien wieħed raġjonevoli;

ILLI għalhekk a kuntrarju ta' dak li jgħid ir-rikorrent, dan l-ammont hu ġustifikat u ċertament ma jinkludix xi ħlas għal xogħol/kiri li ma jikkonċernax lir-rikorrent, u t-tneħħija tal-illegalità fil-proprjetà tiegħu. Illi fil-fatt ir-rikorrent sejjer żbaljat meta jgħid li l-ispejjez inkorsi għall-kuntratturi u l-pulizija ma servewx biss għalih iżda għal xogħol ieħor li sar in konnessjoni ma terzi. L-Awtorità esponenti tirrileva illi l-ammont reklamat għal *direct action* jirrifletti biss l-ispejjeż inkorsi mill-Awtorità fil-konfront tar-rikorrent, u ċjoè għat-tneħħija tal-illegalità li ma messha [*sic*] saret qatt;

GĦALDAQSTANT, għar-raġunijiet hawn fuq spjegati, l-Awtorità esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi l-ammont ta' €1,205.99 hu dovut lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u għalhekk tiċħad ir-rikors ta' Frans Azzopardi tal-21 ta' Ġunju, 2012.

**Rat** li fl-ewwel (1) ta' Marzu, 2016 l-Awtorità ddikjarat l-istadju tal-provi tagħha magħluq;[3]

**Rat** illi fl-udjenza tas-sebgħa u għoxrin (27) ta'April, 2016 il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju tal-kawża fis-sens illi minflok il-

[3] Verbal a fol 88.

kliem "Awtorità ta' Malta għal l-Ambjent u l-Ippjanar" jidħlu l-kliem "Awtorità tal-Ippjanar";[4]

**Rat** li saru tentattivi ta' transazzjoni li però ma waslux għal transazzjoni;[5]

**Rat** li fid-disgħa (9) ta' Lulju, 2021 ir-rikorrenti ddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq;[6]

**Rat** li fl-udjenza tas-sitta (6) ta' Lulju, 2022 saret trattazzjoni orali mill-avukati patrocinanti l-partijiet;

**Rat** l-atti kollha tal-kawża inkluż ix-xhieda miġbura u dokumenti esibiti;

**Rat** illi l-kawza ġiet differita għal-lum għas-sentenza;

**Fliet** l-atti fl-intier tagħhom;

## B. Ikkunsidrat:

Permezz ta' din il-vertenza r-rikorrent qiegħed jattakka l-pretensjoni tal-Awtorità għall-ħlas tas-somma ta' elf mitejn u ħames ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€1,205.99) rappreżentanti spejjeż li l-Awtorità tgħid li inkorriet fl-eżekuzzjoni ta' *direct action* wara l-avviż ta' twettiq numru 746/2005 f'sit fi Triq it-Tiġrija, ix-Xagħra, Għawdex.

Mill-atti jirriżulta li fid-disgħa (9) ta' Settembru, 2005 l-Awtorità ħarġet fil-konfront tar-rikorrent Avviż biex Tieqaf u ta' Twettaq bin-numru 746/05 konsegwenti għal żvilupp mingħajr permess

[4] Verbal a fol 89.
[5] Verbali a fol 103, 111, 113, 118.
[6] Verbal a fol 125.

li jikkonsisti fi bdil fl-użu tal-għalqa għal 'yard' u pparkjar ta' vetturi. Dan l-avviż inħareġ fil-konfront ta' Frans Azzopardi.[7]

**Ċ. Provi:**

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Brian Borg,**[8] Uffiċjal tal-Infurzar, xehed illi l-ammont mitlub jirriżulta minn sigħat li jkunu ttieħdu fuq is-sit sabiex tneħħiet l-illegalità. Jgħid li dakinhar seħħew xi erba' (4) *direct actions* bil-kontijiet imbagħad inħadmu minnhom (l-Awtorità) u mill-kuntratturi u ntbagħtu mill-pulizija. Jgħid li rigward is-sit tar-rikorrenti huma bdew ix-xogħol sa ma wasal hu u qalilhom li ser ikompli jnaddaf hu fejn imbagħad huma telqu. Iżid li apparti l-ħin li jittieħed fuq is-sit fil-kont jiġi inkluż ukoll il-vjaġġ minn Malta.

**In kontroeżami** jkompli jgħid li dakinhar kien hemm tliet (3) *enforcements* oħra. Jinsisti li jiġi inkluż il-ħin tal-ivjaġġar.

**Riprodott mill-Awtorità,**[9] jgħid li huma waslu fuq is-sit fis-sebgħa ta' filgħodu (07:00am) u bdew jiġbru l-materjal. Jgħid li ġie sid l-għalqa meta kienu diġà bdew flimkien mal-kuntratturi Central Asphalt kif ukoll Disma u qablu mas-sid li jkompli huwa u li aktar tard imorru jaraw li għamel ix-xogħol kif maqbul. Jgħid li dan kien ottempera ruħu. Jgħid li huma u l-kuntrattur ikunu qablu minn qabel x'hemm bżonn isir u x'makkinarju hemm bżonn.

**In kontroeżami ulterjuri**, jgħid li l-kont mhux huwa ħarġu iżda ċerta Annabelle Attard. Jgħid li bħala konteġġi, l-involviment ta'

[7] A fol 65.
[8] A fol 18 sa 21.
[9] A fol 49 sa 58.

min ikun fuq is-sit huwa li jżomm nota tas-sigħat li jibdew mit-tluq minn Malta. Jgħid li f'dan il-każ it-total tal-ispejjeż inqasam bejn ħamsa (5), peress li dakinhar saru ħames (5) *direct actions*, imbagħad ikun hemm is-sigħat. Jgħid li f'dan il-każ in-notamenti tas-sigħat żammhom hu. Jgħid li fuq is-sit tar-rikorrent mill-memorja jiftakar li damu xi sagħtejn u nofs (2 ½) jew tliet (3) sigħat. Jinsisti li jekk huwa niżżel li damu tliet (3) sigħat mela daqshekk damu. Jgħid li t-tliet (3) sigħat kienu jikkonsistu f'li waslu fuq is-sit, sar xogħol ta' tindif, ħafna minnu bl-idejn, u nġarr il-materjal. Jgħid li qablu li s-sid ikompli jneħħi l-materjal hu sabiex ma jogħliex wisq il-kont. Jgħid li kien xogħol laborjuż għax fil-maġġor parti sar bl-idejn u kien jinvolvi tneħħija ta' materjal tqil inkluż ħadid. Jgħid li l-materjal li tneħħa ħa ħsieb jarmih il-kuntrattur. Jikkonferma li dakinhar għamlu hames (5) *direct actions* u li l-fattura tal-kuntrattur tkopri l-ħamsa (5) li huma. Jgħid li Disma jitħallas bil-materjal li jiġbor b'dan ikun metal li jitħallas għalih bil-piż.

**Janica Agius Ordway**,[10] rappreżentanta tal-Awtorità mis-sezzjoni tal-infurzar, ippreżentat vera kopja tal-kont dettaljat u l-fatturi kemm tal-kuntratturi kif ukoll tal-pulizija involuti. Tispjega li l-kont huwa maqsum fi tliet (3) sezzjonijiet; sezzjoni rigward l-ufficjali tal-Awtorità u s-sigħat tagħhom, oħra rigward il-kuntrattur li tkun akkumpanjata b'fattura, u oħra rigward il-pulizija.

**In kontroeżami** tkompli tgħid li hi ma tkunx fuq il-post waqt l-azzjoni ta' infurzar iżda hija taħdem fis-sezzjoni tal-kontijiet.

**In rieżami** tixhed li l-fatturi tal-pulizija u l-kuntrattur juru ammonti akbar minn dawk fatturati lir-rikorrent peress li dakinhar saret aktar minn *direct action* waħda u allura dawn jiġu

[10] A fol 26 sa 34.

maqsuma proporzjonalment. Tikkonferma li l-valur fatturat lir-rikorrent jirrifletti biss xogħol li sar fis-sit tiegħu.

**In kontroeżami ulterjuri** tgħid li ma' dan il-kont partikolari hija ma kellhiex x'taqsam iżda llum dawn tieħu ħsiebhom hi. Tikkonferma però li l-valuri kkonfermathom. Tgħid li fil-każ tar-rikorrent ġew fatturati tliet (3) sigħat.

**Charles Debattista,**[11] Uffiċjal tal-Infurzar, xehed illi l-Awtorità kienet ħarġet *enforcement notice* bin-numru ta' referenza 746/2005 li kienet tirreferi għall-għalqa utilizzata bħala *yard* u għall-ipparkjar ta' vetturi mingħajr permess. Jgħid li xogħolhom kien li jneħħu din l-illegalità. Jgħid li waqt l-infurzar mar fuq il-post ir-rikorrenti, talab li jkompli x-xogħol ta' tindif hu, u huma qablu miegħu li jlestu l-ġbir ta' dak ikkunsidrat skart u mbagħad iħalluh jiġbor dak li jista' jkun għadu tajjeb. Jgħid li għalhekk huwa informa lir-rikorrenti li kien sejjer fuq siti oħra iżda kien ser jirritorna sabiex jara li naddaf is-sit kif suppost. Jgħid li xħin mar lura fuq is-sit sab li r-rikorrenti kien ottempera ruħu u s-sit kien battal. Jikkonferma li l-kont mibgħut lir-rikorrenti kien għal tliet (3) sigħat xogħol u jirrifletti parti mill-fatturi mibgħuta lill-Awtorità mill-kuntrattur u l-pulizija. Jgħid li għan-nofs siegħa li ħadu sabiex marru lura dakinhar stess biex jaċċertaw irwieħhom li r-rikorrent ottempera ruħu kif ukoll għal spezzjoni ta' xi xahrejn wara huma ma ffatturawx lir-rikorrent. Jgħid li mhux minnu li l-kiri ta' xi inġenji huwa ffatturat doppjament lir-rikorrent u terzi fejn saru azzjonijiet oħra dakinhar stess. Jgħid li fuq is-sit tar-rikorrent ittieħdu tliet (3) sigħat għax ix-xogħol kien laborjuż u ħafna minnu kien bl-idejn. **In kontroeżami** jgħid li dakinhar tat-tmienja u għoxrin (28) ta' April, 2009 kellhom xi erba' (4) *direct actions*. Jgħid li kemm huma kif ukoll l-kuntrattur u l-inġenji jiġu minn Malta. Jgħid li huwa ma joħroġx fatturi iżda jikkonferma ma rappreżentanti oħrajn tal-Awtorità kemm kien

[11] A fol 39 sa 48.

hemm nies fuq is-sit u x'makkinarju kien hemm imbagħad jgħaddi sabiex jikkonferma l-fatturi tal-kuntrattur u l-pulizija qabel mad-dipartiment tal-kontabbilità tal-Awtorità mbagħad joħroġ il-fattura lil sid is-sit. Jiċċara li lis-sid ħallieh jiġbor dak li seta' jkun ta' użu sabiex ma jiġux mormija affarijiet tajbin, mentri huma ġabru l-materjal ħażin sabiex jintrema. Jgħid li huma spiċċaw jiġbru l-iskart imbagħad ħallew lil sid is-sit jiġbor li kien fadal u wara marru jaraw li dan kien għamel hekk. Jgħid li dak li jiġbru huma jieħdu sabiex jarmih il-kuntrattur li f'dan il-każ kien Central Asphalt.

**Riprodott**[12] jibda sabiex jiċċara li mis-sit tar-rikorrent tneħħa biss *scrap material* u ma kienx hemm skart ta' kostruzzjoni kif seta' qal qabel. Jippreżenta kopja tal-avviż ta' twettiq[13] kif ukoll diversi ritratti.[14] Jiċċara li kuntratturi għall-Awtorità kien hemm tnejn, wieħed (Disma) li jitħallas bil-materjal li jiġbor u ieħor (Central Asphalt) li jkun dak li tqabbad mill-Awtorità. Jgħid li ż-żewġ kuntratturi jiġu minn Malta iżda Disma ma jithallasx tant li anqas jidher fuq il-fatturi. Jgħid li fuq is-sit tar-rikorrent ix-xogħol sar bl-idejn għax il-makkinarju ma setax jidħol. Jiċċara li l-oġġetti nġabru bl-idejn iżda l-istess oġġetti mbagħad jintefgħu f'bajla ta' gaffa li ttella' l-istess fuq trakk.

**In kontroeżami ulterjuri** jgħid li r-ritratti ttieħdu mir-rappreżentanti tal-Awtorità. Jgħid li fuq it-trakk tas-sid għabbew affarijiet tajbin li kien ikun ħasra jintremew. Jgħid li dawn tellgħuhom fuq it-trakk tas-sid il-kuntratturi tal-Awtorità. Jikkonferma li s-sid seta' kien jiġbor l-oġġetti tajbin anke waqt il-ħin li l-ħaddiema tal-Awtorità kien għadhom jaħdmu fuq is-sit.

---

[12] A fol 60 sa 72.
[13] A fol 65.
[14] A fol 66 sa 72.

**Mark Cini**,[15] rappreżentant tal-Awtorità, jikkonferma l-avviż ta' twettiq kif diġà esibit (a fol 65). Jgħid li appell mill-avviż ma sarx.

**In kontroeżami** jikkonferma li appell mill-avviz ma sarx.

**Riprodott**[16] jesibixxi kopja tad-dokument (*pink card*) li juri li l-avviż wasal għand ir-rikorrent nhar it-tletin (30) ta' Settembru, 2005.[17]

**Frans Azzopardi,** ir-rikorrent, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[18] Jgħid li huwa kellu għalqa maġenb id-dar ta' ommu fejn kien jipparkja xi inġenji kif ukoll dgħajsa. Jgħid li fiha kellu wkoll xi żewġ (2) munzelli ġebel miżmuma pulit u għall-użu aktar tard. Jgħid li ftit kien hemm affarijiet fl-għalqa u għalhekk ma kienx ħass bżonn li jikkontesta l-avviż li twettiq. Jgħid li kull ma ġabet l-Awtorità fuq is-sit tiegħu kien *high up* (gaffa) u fuq is-sit in-nies tal-Awtorità damu biss xi tliet kwarti (3/4). Jgħid li dawn m'għamlu xejn għal tul ta' żmien sakemm imbagħad saqsew għalih, huwa identifika ruħu, u qablu li jneħħu xi ħaġa huma u jkompli hu. Jgħid li kollox tgħabba fuq trakkijiet tiegħu stess b'ħaddiema tiegħu jgħinu u l-Awtorità damet fuq is-sit xi tliet kwarti (3/4) oħra. Jgħid li l-inġenji li jidhru fir-ritratti esibiti mill-Awtorità huma lkoll tiegħu għajr għal *high up*. Jikkontesta li ntużaw ingenji tal-Awtorità apparti l-*high up* u jinsisti li fil-kont mibgħut lilu ddaħħlu spejjeż li ma ġewx inkorsi. Fuq il-pulizija jgħidli għalkemm kien hemm xi tlieta (3) jew erbgħa (4) fuq is-sit dawn ma damux hemm aktar minn siegħa u nofs (1 ½).

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

---

[15] A fol 76 sa 78.
[16] A fol 83 sa 85.
[17] A fol 85.
[18] A fol 96 sa 97.

Permezz tal-azzjoni odjerna Frans Azzopardi qiegħed jattakka l-pretensjoni tal-Awtorità għall-ħlas tas-somma ta' elf mitejn u ħames ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€1,205.99) rappreżentanti spejjeż li l-Awtorità tgħid li inkorriet fl-eżekuzzjoni ta' *direct action* wara l-avviż ta' twettiq numru 746/2005, u ċjoè t-tindif ta' għalqa fi Triq it-Tiġrija, ix-Xagħra, Għawdex minn skart u materjal mixħut fiha.

Kif xehdu r-rappreżentanti tal-Awtorità u kif jidher ċar minn kopja tal-fattura esibita a fol. 36 sa 38 tal-process, l-ispejjeż li tagħhom l-Awtorità qiegħda titlob il-ħlas jirrappreżentaw ħlas għal ħin u xogħol tal-ufficjali tal-Awtorità, ħlas dovut lill-pulizija għas-servizz tagħhom li huwa kkonfermat b'fattura maħruġa mill-pulizija stess, ħlas dovut lill-kuntrattur li huwa wkoll ikkonfermat b'fattura maħruġa mill-kuntrattur, u spejjeż tal-vapur li jaqsam bejn Malta u Għawdex.

Il-kontestazzjoni ta' Frans Azzopardi m'hijiex dwar l-avviż ta' twettiq jew il-preżenza tal-Awtorità, il-pulizija u l-kuntratturi tal-Awtorità fuq is-sit. Anqas m'hija dwar il-fatt li xi ħlas lill-Awtorità jrid isir. Iżda hija dwar is-sigħat fatturati mill-Awtorità stante li dan jinsisti li l-Awtorità damet ferm anqas milli tgħid hi fuq is-sit u dan billi, skontu, ma kienx hemm wisq materjal u fil-maġġor parti dan inġabar minnu u ħaddiema tiegħu u b'inġenji u apparat tiegħu stess. Jindika wkoll li jista' jkun li huwa ġie fatturat xi sigħat għal xogħol li dakinhar l-Awtorità għamlet fuq siti oħra. Jikkontendi wkoll li l-Awtorità ma ottemperatx ruħha mal-principju ta' minimizzazzjoni tad-danni billi saħansitra ġabet kuntratturi u inġenji minn Malta meta setgħet faċilment utilizzat kuntratturi u inġenji li jinsabu Għawdex. Jikkontendi ulterjorment li l-fatturi esibiti mill-Awtorità ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament min minn ħariġhom.

Azzoppardi jaqbel li jagħmel xi ħlas però mhux fl-estent mitlub.

L-Awtorità rribattiet għal dan billi tat spjega ta' x'sar fuq is-sit tar-rikorrenti kif ukoll esibiet ritratti varji li juru xi tneħħa minn fuq is-sit tiegħu. L-Awtorità ressqet ukoll diversi xhieda li kkonfermaw x'sar fuq is-sit tar-rikorrenti, kemm dam għaddej ix-xogħol, u kif inqasmu *pro rata* l-fatturi tal-kuntrattur u tal-pulizija bejn is-sidien kollha li dakinhar kienet saret *direct action* fuq is-siti tagħhom, inkluż ir-rikorrenti. Qalet ukoll li l-avviż ta' twettiq anqas ġie appellat u li fit-terminu mogħti fih ir-rikorrent anqas għamel xejn tant li kellha ssir *direct action*. L-Awtorità tkompli tgħid li saħansitra nġabru diversi azzjonijiet diretti fl-istess jum sabiex l-ispejjeż jinżammu baxxi. Rigward il-fatturi tgħid li dawn ġew debitament ikkonfermati minn żewġ persuni li ssorveljaw ix-xogħlijiet fuq is-sit u anke ċċekjaw il-fatturi tal-kuntrattur u tal-pulizija. L-Awtorità qalet ukoll li jkollha diffikultajiet loġistiċi sabiex tingaġġja provdituri ta' servizzi minn Ghawdex minħabba nuqqas ta' disponibbiltà, permessi, u problemi loġistici oħra. Rigward il-pulizija tgħid li dawn dejjem hemm bżonnhom minħabba s-sigurtà tal-impjegati tagħha. L-Awtorità tgħid ukoll li billi ħalliet lir-rikorrenti jgħin fit-tneħħija tal-oġġetti din naqqset ulterjorment id-danni.

Il-Qorti tinnota li l-fatturi esibiti mill-Awtorità ġew esibiti mill-uffiċjal tagħha li kien qiegħed fuq il-post jara kemm ix-xogħol kif ukoll il-metodu li bih kien qed jinġabar il-materjal.

Tinnota ulterjorment li kuntrarjament għal dak iddikjarat mir-rikorrenti fl-affidavit tiegħu r-ritratti esibiti in atti juru li kien hemm volum ta' materjal li kellu jiġi spustjat tant li kien hemm anke diversi nies u vetturi involuti sabiex jagħmlu dan ix-xogħol.

Tinnota ulterjorment li l-Awtorità ħadet passi raġjonevoli sabiex timminimizza d-danni billi, *inter alia,* anke awtorizzat lir-rikorrenti jassisti, ingaġġjat servizz ta' kuntrattur ieħor li ma jitħallasx bis-siegħa iżda bil-materjal li jiġbor, u laqqgħet diversi azzjonijiet diretti fl-istess jum sabiex b'hekk telgħet hi u l-

kuntratturi tagħha darba minn Malta u qassmet l-ispejjeż fuq kull sit milqut bl-azzjonijiet tagħha ta' dakinhar tat-tmienja u għoxrin (28) ta' April, 2009.

Tinnota ulterjorment li minn dakinhar li l-avviż ta' twettiq ġie notifikat lir-rikorrenti nhar it-tletin (30) ta' Settembru 2005[19], sa dakinhar tal-azzjoni diretta ta' nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' April, 2009[20] jidher li ma kien sar xejn mir-rikorrent sabiex jottempera ruħu mal-avviż ta' twettiq tant li l-Awtorità sabet ix-xogħol għaliha u bdiet u kompliet l-istess skont l-avviż sa ma ħalliet f'idejn ir-rikorrenti sabiex ikompli. Aktar tard imbagħad fl-istess jum uffiċjali tal-Awtorità marru jikkonfermaw li r-rikorrenti kien ottempera ruħu ma dak mitlub. Dan tenut kont tal-fatt ukoll li, *ex admissis,* ir-rikorrenti seta' faċilment jottempora ruħu mal-avviż tat-twettiq bejn l-2005 u l-2009 billi kellu kemm l-inġenji kif ukoll l-apparat biex jagħmel dan.

**Decide:**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi u l-motivi ġa espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti Frans Azzopardi, tilqa' t-talbiet tal-Awtorità intimata.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti Frans Azzopardi.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

[19] Vide fol 85 tal-proċess.
[20] vide data tal-fatturi a fol 36 sa 38 kif ukoll ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita' Charles Debattista, speċifikatament a fol 41.

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur